**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 20 ta' Marzu 2002**

**Numru 5**
**Citaz. Nru. 969/92 FD**

**Mary Anne Fenech, illum De Bon gia Fenech wara dikjarazzjoni taghha prezentata fir-Registru Pubbliku a tenur ta' l-Att XXI ta' l-1993**

**Vs**

**Mario Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabbilment minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' adulterju, ingurji gravi, swat, theddid u sevizzji ta' kull xorta;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi kontra l-imsemmi zewgha b'digriet tas-Sekond' Awla ta' din il-Qorti numru 24/08/92 Dokument A anness ma' l-att tac-citazzjoni;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronuncja s-separazzjoni bejn il-kontendenti bi htija tal-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jissomministra lill-attrici dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata bil-modalita` li dil-Qorti jidhrilha jkunu xierqa u opportuni;

3. Tikkommina kontra l-konvenut il-provvedimenti ta' l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili;

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tilliwida u taqsam f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-kontendenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja

tal-konvenut fuq l-istess att f'kaz ta' bzonn;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Awissu 1990 u tal-proceduri kollha relattivi ghar-rikors ta' separazzjoni kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-allegazzjonijiet ta' l-attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u li z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici, qatt ma jista' jinghad illi kienu tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut li wasslu ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u dan kif kellu jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi ghar-ragunijiet premessi huwa m'ghandux ibati l-ispejjes tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' April 1995 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bhala espert legali biex tfittex

u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija espert legali li tinsab a fol 131 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tat-13 ta' Lulju, 2001;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejna u bejn il-konvenut u dan minhabba htijiet imputabbli lill-istess konvenut, talbet ukoll illi jigi ffissat manteniment favur taghha, u li jigu komminati kontra l-konvenut il-provvedimenti ta' l-artikoli citati, kif ukoll ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u d-divizjoni u l-assenjazzjoni taghha;

Illi minn naha tieghu il-konvenut eccepixxa illi t-tortijiet tat-tkissir taz-zwieg kienu imputabbli lill-attrici kif kien ser jipprova waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Illi l-attrici pprezentat affidavit taghha, tal-genituri u anke ta' xi hbieb fejn spjegat illi l-konvenut kien repitutament vjolenti maghha, kien ihalliha nieqsa min-necessitajiet kollha u fil-fatt kien ta' sikwit jibda xi relazzjoni ma' xi mara jew ohra tant illi skond ma rrizulta tul din il-kawza mhux talli huwa qieghed jghix ma' mara ohra tant illi minnha ghandu erbat itfal;

Illi l-konvenut, zmien twil wara illi dawna l-affidavit kienu gew ipprezentati, ressaq ukoll l-istqarrijiet tieghu u tal-genituri u mill-ezami ta' dawn id-dokumenti, il-Qorti tifhem illi ma hemm ebda dubju li l-verzjoni attrici hija ferm aktar attendibbli minn dik tal-konvenut u tal-genituri tieghu; din il-konsiderazzjoni tidher lampanti meta wiehed jikkonsidra id-diversi episodji u incidenti illi semmiet l-attrici, waqt li l-konvenut qisu qatt ma sema' bihom, qatt ma xehed fuq ir-relazzjonijiet li kellu ma' dik jew ma' l-ohra hlief illi fl-ahhar ammetta illi qieghed jikkoabita ma' ohra u ghamel familja gdida; il-Qorti ma tistax taghti ebda attendibilita` lil dak li xehed il-konvenut u niesu, u in fatti kien propju fl-ahhar tal-kawza li l-Qorti, biex taccerta ruhha mis-sitwazzjoni, ippermettiet li l-konvenut jigi mharrek biex jaghti x-xhieda tieghu *viva voce* quddiem il-Qorti u minn hemm irrizulta illi huwa bniedem xejn veritier u ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda esitazzjoni illi taccetta l-verzjoni moghtija mill-attrici, mill-familjari taghha u mill-hbieb;

Illi anki wara li gie pprezentat ir-rapport peritali li kien kontra t-tezi tieghu, il-konvenut xorta baqa' ma ha ebda forma ta' interess u dana

jixhduh il-bosta difensuri illi huwa kellu u n-nuqqas tieghu illi jidher minn differiment ghall-iehor nonostante li l-verbali jitkellmu b'mod car dwar dan;

Illi mill-ezami ta' l-atti, il-Qorti tifhem illi l-attrici kienet u ghadha tahdem u ghalhekk fic-cirkostanzi u fid-dawl ta' l-emendi illi saru ftit tas-snin ilu fil-Kodici Civili, il-Qorti ma hijiex ser tilqa' t-talba attrici ghal hlas ta' manteniment da parti tal-konvenut;

Illi fl-opinjoni ta' l-espert legali, il-konvenut ma ghandu l-ebda dritt ghal sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti u dan peress li "*il-konvenut ma kienx jikkontribbwixxi kif suppost ghall-akkrexximent tal-komunjoni ta' l-akkwisti*";

Illi dwar il-beni dotali u tal-komunjoni kif ukoll rigali hemm biss id-dokumenti esebiti u kkonfermati mill-attrici li jinsabu a fol 29 kif ukoll 113 *et seq.* tal-process u l-Qorti sejra tadotta l-konkluzjoni ta' l-abbli relattrici liema konkluzjoni ma giet bl-ebda mod kontrastata mill-konvenut meta intqal "*stante li l-adulterju manifest u l-fatt li l-konvenut ma kienx jikkontribbwixxi kif suppost ghall-akkrexximent tal-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa tilef il-jedd ghal nofs il-komunjoni*";

Illi fil-paragrafu numru 23 ta' l-istess rapport issemma wkoll illi barra dawn l-oggetti kien hemm ukoll is-somma ta' flus li inhargu ghat-tieg bhala rigal lill-attrici mill-genituri taghha u li ta' dawn il-konvenut huwa responsabbli u ghalhekk il-Qorti tifhem illi oltre l-oggetti imsemmija l-

attrici ghandha tircievi wkoll minghand il-konvenut is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut liema htijiet jinkludu wkoll l-adulterju u l-abbandun;

Tichad it-Tieni Domanda minhabba ic-cirkostanzi u l-mezzi taz-zewg kontendenti;

Tilqa' it-Tielet Domanda u tordna l-komminazzjoni kontra l-konvenut tal-provvedimenti imsemmija;

Tilqa' ir-Raba' Domanda u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwidaha billi tiddikjaraha konsistenti fl-elenku ta' l-oggetti kollha imsemmija u fl-ispejjez li saru, kif ukoll dak li l-kontendenti prezentement ghandhom fil-pussess taghhom; u tiddividiha billi tassenja lill-attrici l-oggetti kollha imsemmija fid-Dokument "A", kif ukoll is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li l-konvenut ghandu jhallasha per saldu ta' sehemha mill-komunjoni, liema pagament ghandu jsir fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza u jekk dan ma jsirx fit-terminu moghti allura jibda' jiddekorri fuq is-somma imsemmija l-interessi legali, kif ukoll izzomm l-oggetti kollha li jinsabu fil-pussess taghha; waqt li lill-konvenut

tassenjalu dak kollu li jinsab fil-pussess tieghu inkluz il-karozzi, kontanti u kotba tal-bank;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-Hames Domanda peress li mill-atti ma rrizultax illi hemm xi beni immobbli li ghandhom jigu divizi.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur